# L-Istatwa Titulari
# 150 Sena Fostna

*Antonella Grima* *B.Comms (General) (Melit.)*







**L-Oriġini t'Għajnsielem**

Għajnsielem jaf il-bidu tiegħu lill-għajn ta' 'Hain Salem'. L-istorja t'Għajnsielem tibda meta l-Madonna dehret lil Anġlu Grech, imlaqqam 'Ta' Xini', minn Għajnsielem u devot kbir tal-Madonna. Lejla fost l-oħrajn waqt li kien qed jirgħa l-merħla tiegħu ħdejn l-għajn, Grech kellu dehra mhux tas-soltu ra xbieha ta' mara liebsa l-abjad. Din kellmitu u ordnatlu sabiex iwaqqaf statwa tal-Madonna taħt it-titlu ta' Loreto u anke indikatlu l-post ta' fejn kellha titpoġġa din l-istatwa. Din l-aħbar ġriet mal-erbat irjieħ tar-raħal u minnufih in-nies tar-raħal għamlu ġabra u ordnaw statwa tal-ġebel u sakemm tlestiet l-istatwa bnew niċċa tal-ġebel sabiex titpoġġa ġo fiha. Id-devozzjoni lejn il-Madonna ta› Loreto tant kibret li maż-żmien bdiet issir festa darba fis-sena.

**Għajnsielem issir parroċċa**

Sa mill-bidu l-poplu Għajnselmiż dejjem wera x-xewqa li jsir parroċċa, u din ix-xewqa ma damitx ma saret realtà. Il-Vici-Kurat Dun Anton Cauchi ħadem b'mod għaqli għax b'digriet tal-20 ta' Jannar, 1855, il-Papa Piju IX, fuq rakkomandazzjoni tal-Isqof Mons. Publiju da Conti Sant, għamel il-knisja ta' Għajnsielem parroċċ għaliha. F'Lulju tal-1865, l-Isqof t'Għawdex Mons Mikiel Franġisk Buttigieg għażel lil Dun Mikelanġ Refalo sabiex ikun it-tielet Kappillan ta' Għajnsielem.



**Il-Kolera tal-1865**

Meta f'Għawdex reġgħet feġġet il-kolera, l-ewwel xterrdet fix-Xewkija fejn imbagħad xterrdet f'irħula oħra. L-isqof Mikiel Frangisk Buttigieg ordna li fi gwaj bħal dak fil-knejjes jiġu sponuti għall-qima tal-poplu l-istatwi li jgawdu devozzjoni speċjalment it-titulari. Għajnsielem kien l-uniku raħal li ħeles minn din il-marda qerrieda. Minħabba li Għajnsielem kien għadu bla statwa titulari, in-nies ma damux ma bdew jiġbru l-flus sabiex jikkonkorru max-xewqa tal-Isqof u sal-11 ta› Settembru 1865 kienu diġà ġabru 500 skud.

**L-Istatwa Titulari**

L-istatwa titulari ġiet ordnata fi żmien qasir minn Marsilja mingħand il-kumpanija Galard & Fils li f'inqas minn sena kienet lesta u ġiet tiswa 500 skud. L-istatwa tal-Madonna ta' Loreto ġiet imbierka fl-14 t'Ottubru 1866, mill-Kanonku tal-Katidral t'Għawdex Dun Gejtanu Bondì. Fl-istess data saret it-translazzjoni bl-istatwa mill-Imġarr għall-knisja parrokkjali li fiha ħa sehem l-Kapitlu tal-Kolleġġjata tal-Għarb. Il-poplu attenda bi ħġaru għal din iċ-ċerimonja u sema b›attenzjoni d-diskors li għamel Dun Ġużepp Agius fejn saħaq x›grazzja speċjali kellu fuqu r-raħal meta ġie meħlus mill-marda tal-kolera.

Jingħad li meta nġabet l-istatwa minn Marsilja tpoġġiet fil-garaxx ta' Karkanja fix-Xatt u l-kaxxa flimkien mat-tiben li fih kienet mqiegħda l-istatwa ġew mormija fil-wied tax-Xatt. Waqt li kulħadd kien qed jammira s-sbuħija ta› din l-istatwa xi ħadd innota li fil-ġnub ta› din l-istatwa kien hemm żewġ grampuni tal-ħadid. Wara li saret tfittxija fil-kaxxi li kienu ntremew instabu żewġ anġli bla mittiefsa u li bejn ġwejnħajhom kien hemm ħolqa tal-ħadid. Meta tellgħuhom u qabduhom mal-grampuni tal-istatwa, dawn qablu perfettament!



**L-Induratura tal-Istatwa**

Fl-1920 fuq inizjattiva ta' Dun Franġisk Mizzi u s-sħabu s-saċerdoti bdiet l-induratura fuq l-istatwa titulari. L-istatwa titulari ma kinitx minn dejjem kif nafuha llum.



Oriġinarjament il-libsa tal-Madoona kienet lixxa, sħabha taħt riġlejha ma kellhiex, l-anġli kienu ftit aktar 'l isfel u affarijiet oħra li ġew mibdula taw dehra isbaħ lil din l-istatwa. Din il-biċċa xogħol ġiet fdata f'idejn l-istatwarju Wistin Camilleri tar-Rabat, Għawdex. Ix-xogħol kien jikkonsisti filli ġiet rinfurzata l-vara permezz ta' saratizz li tqiegħed ġo fetħa li saret fil-fetħa ta' daharha li eventwalment ġiet immuntata s-sħaba ta' taħt riġlejha, filwaqt li l-anġli ttellgħu ftit 'il fuq. Wara li tlestiet din il-fażi, Camilleri beda x-xogħol tal-isgraffjar f'bosso riliev fuq il-libsa tal-Madonna u anke fuq tal-Bambin u tal-anġli li fihom irnexxilu joħroġ sitt disinni differenti. Barra minn hekk Camilleri ħa ħsieb ukoll jagħmel id-disinn tal-kuruna ta' ras il-Madonna u d-dijadema ta' ras il-Bambin.

Meta dan ix-xogħol wasal f'fażi konklussiva, inqalgħet



polemika għax filwaqt li l-Kappillan Mizzi xtaq li l-Madonna tkun indurata bil-kulur, il-poplu xtaq li tkun indurata bid-deheb. Meta l-Kappillan Mizzi talab parir mingħand Dun Martin Camilleri, Arċipriet tan-Nadur, qallu li l-aħjar isir kif jixtieq il-poplu. Wara li ttieħdet id-deċiżjoni l-istatwa ġiet trasferita lejn Malta għall-induratura għand Franġisk Coleiro tal-Belt Valletta, li rnexxilu jagħmel induratura fina li ġiet tiswa LM50 u li għadha f'kundizzjoni tajba.

Meta x-xogħol kien lest l-istatwa qabdet triqitha lejn Għawdex fuq id-dgħajsa tal-Latini Numru 10 ta' Salvatore Xuereb imlaqqam 'Ta' Pupull'. Din waslet Għawdex fis-26 t'Awwissu 1920 u tpoġġiet fil-Kappella ta' Lourdes, fejn f'dik il-lejla Wistin Camilleri ħa ħsieb ipitter l-uċuħ. It-translazzjoni bl-istatwa mill-Imġarr għall-Knisja Parrokkjali saret fid-29 ta' Awwissu u għal din l-okkażjoni kienet mistiedna l-banda 'Duke of Edinburgh'. Din il-banda ġabet numru kbir ta' Maltin magħha fuq il-vapur 'Princess Melita' li kien inkera mill-Kappillan Mizzi.

F'Jum it-Translazzjoni l-istatwa ġiet mqiegħda ħdejn it-tinda li dak iż-żmien kienet teżisiti fix-Xatt, taħt pavaljun kollu trofej, bandieri u fjuri. Hekk kif wasal il-vapur għall-ħabta tal-erbgħa ta' waranofsinhar, inkixfet l-istatwa mis-Sur W.C Millard, li kien Assistent Segretarju tal-Gvern għal Għawdex fost ċapċip, daqq ta' qniepen u sparar ta' murtali. L-istatwa ġiet imbierka minn Mons Francesco Camenzuli, Vigarju Ġenerali għal Għawdex li mexxa l-purċissjoni għall-Knisja ta' Għajnsielem. L-istatwa għaddiet minn Tirq Sant'Antnin, Triq Ħamri u Triq Fawwara u meta waslet fil-misraħ Mons Luigi Cordina għamel id-diskors tal-okkażjoni. Din il-festa spiċċat b'marċ brijuż mill-banda 'Duke of Edinburgh' li baqgħet sejra sax-Xatt fost ċapċip u tixjir ta' mkatar.

**Pellegrinaġġ mill-Qala għall-Għajnsielem**



Nhar it-3 ta' Ġunju 1945, il-Kappillan Dun Franġisk Mizzi organizza pelleġrinaġġ soċjo-reliġjuż mill-Qala għal Għajnsielem bl-istatwa titulari bħala ringrazzjament li l-gwerra għaddiet u li Għajnsielem ġarrab ftit ħsara kaġun tat-Tieni Gwerra Dinjija.

Fis-7 ta' Ġunju, ħamsin sena wara, jiġifieri fl-1995, sar pellegrinġġ ieħor bħala parti mill-programm ta'attivitajiet

l-aktar esterni li jfakkru s-Seba' Ċentinarju ta' Loreto u wkoll fl-okkażjoni tal-50 sena mit-tmiem tat-Tieni Gwerra Dinjija, sar pellegrinaġġ replika b'xi modifiki żgħar. L-istatwa tal-Madonna ttieħdet il-Qala permezz ta' trakk biex tkun esposta tul il-ġurnata kollha għad-devozzjoni fil-knisja tal-Kunċizzjoni. Il-karozzi tal-linja ħadu lin-nies il-Qala, fil-wesgħa ta› quddiem il-kappella storika. Il-konkorrenza kienet waħda qawwija, anke nies mill-Qala kienu attendew għall-quddiesa ta› radd il-ħajr li saret fil-post imsemmi. Wara l-quddiesa, bdiet il-mixja lejn Għajnsielem. L-istatwa kienet akkumpanjata mill-kleru taż-żewġ parroċċi u mill-poplu li mxew b›devozzjoni f›atmosfera ta› talb.

Il-pellegrinaġġ ġie milqugħ fil-Pjazza San Ġużepp b'diskors tas-sindku tal-lokal is-Sur Paul Buttigieg u b›mesaġġ qasir tal-arċipriet Dun Karm Refalo fejn ippreżenta inkwadru ta› tifkira lir-ragħaj tal-parroċċa tagħna. Min-naħa tiegħu, il-mibki Arċipriet Dun Ġużepp Zerafa, t›Għajnsielem rregala kwadru ta' Marija Lawretana lill-parroċċa tal-Qala.

Il-komunità Franġiskana tal-parroċċa tagħna tat merħba mistħoqqha lill-Ommna Marija Lawretana. In-noti armonjużi tas-Salve Reġina mlew b'tislima denja lis-Sultana. Komplejna nimxu mat-toroq tar-raħal. Il-pellegrinaġġ ġie milqugħ mill-banda San Ġużepp fi Triq Ħamri. Fil-Pjazza l-Qadima ngħatat l-aħħar tislima lill-Madonna. L-istatwa tpoġġiet finniċċa, sabiex fil-21 t›Awwissu tiġi ttrasportata għat-tempju Neo-Gotiku.

**L-Induratura tad-Deheb**



L-istatwa tal-Madonna ta' Loreto ġiet indurata bid-deheb fl-20 t'Awwissu 2004. Kif tlesta x-xogħol mijiet ta' Għajnselmiżi marru Ta' Pinu sabiex jakkumpanjaw lill-istatwa tal-Madonna fi triqitha lejn il-kappella ta' Lourdes. L-għada s-Sibt, 21 t'Awwissu, l-istatwa telqet mill-Kappella ta' Lourdes għall-knisja parrokkjali, u għaddiet minn Triq Sant'Antnin, għal Triq il-Ħamri u Fawwara u eventwalment għall-Pjazza Madonna ta' Loreto. Il-banda San Ġużepp akkumpanjat lill-istatwa salmisraħ tar-raħal. Mal-wasla tal-istatwa fil-pjazza l-mibki Isqof Mons Nikol Ġużeppi Cauchi iċċelebra quddiesa tal-okkażjoni. L-induratura tad-deheb ġiet imħallsa minn Joseph Vassallo.

**Għaliex il-Madonna ta' *Loreto*?**

Ħafna nies, b'mod speċjali dawk li ma tantx huma midħla mal-parroċċa ftit jafu xi jfisser it-titlu ta' Loreto. Ħafna jafu li Loreto huwa post f'Ancona, fl-Italja, imma l-Madonna x'għandha x'taqsam ma' dan kollu?

L-Iskrittura Mqaddsa tgħidilna li l-Madonna kienet toqgħod f›Nazaret: *imbagħad fis-sitt xahar Alla bagħat l-anġlu Gabriel f'belt tal-Galilija, jisimha Nazaret, għand xebba, mgħarrsa ma' raġel jismu Ġużeppi, mid-dar ta' David, ix-xebba kien jisimha Marija. (Lq 26-27)*

Skont it-tradizzjoni antika, id-dar ta' Nazaret tinsab fil-bażilka tal-Madonna ta' Loretu, f'Ancona l-Italja. Id-dar ta' Marija f'Nazaret kienet magħmula minn żewġ partijiet: għar maqtugħ ġol-blat li għadu vvenerat fil-Bażilika tal-Annunzjazjoni f'Nazaret u dar mibnija bil-ġebel (tliet ħitan) li kienet quddiem l-għar u 'l fuq mil-livell tiegħu. Interessanti l-fatt ukoll li t-tħażżiż fuq il-ħitan tad-dar ta' Loreto huma ferm simili ma' dawk li nstabu f'Nazaret u huma ta'oriġini Lhud-Kristjan.

Fl-1291 l-Insara li ħadu sehem fil-kruċjati ġew imkeċċija mill-Palestina wara li tilfu l-port ta' Akkon. Kien proprju f'din is-sena li l-parti mibnija tad-dar ta' Nazaret (jiġifieri t-tliet ħitan) ġiet transportata l-ewwel għal Kroazja (10 ta' Mejju 1291) u finalment għall-għolja ta' Loreto fl-10 ta' Diċembru 1924. Ħafna santi tal-Madonna ta' Loreto juruna l-anġli jġorru lil din id-dar. Hekk kienet it-tradizzjoni ħelwa imma l-verità hija pjuttost differenti minn hekk. Diversi studji arkeoloġiċi li saru taħt din id-dar ta' Loreto bejn l-1962 u l-1965 flimkien ma' studji preċedenti filoloġiċi u ikonografiċi, ilkoll jikkonfermaw li din id-dar inġarret lejn Loreto mill-bniedem.

Id-dar imqaddsa toffri lill-pellegrin opportunità u stedina sabiex jimmedità u jaħseb fuq il-messaġġi teloloġiċi kbar u spiritwali li joħorġu mill-ġrajjiet tal-għaġeb li seħħew f›din id-dar.

Filwaqt li nirringrazzja lil Alla għal dak kollu li għamel ma› Għajnsielem. Nixtieq nirringrazzja lil Marija Zerafa għall-informazzjoni utli li għaddietli. Nieħu din l-opportunità sabiex nawgura lil kulħadd il-festa t-tajba! Viva l-Madonna ta› Loreto! Viva x-Xemx!

